bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Josric Mifsud u
Sp Dennis Theuma)
vs
Anthony Cutajar, iben Joseph,
imwieled Pieta' fit-3 ta' jannar,
1977

Illum, 14 ta' ġunju, 2002

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fit-23 ta' mejju, 2001 ġewwa Birkirkara –

a. bil-ħsieb li jisraq vettura tal-għamla Peugeot, bin-numru tar-reġistrazzjoni JBG 874, għad-dannu ta' Jean Paul Galea liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għal esekuzzjoni ta' l-istess delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
b. talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanżi b'mezzi xort'oħra kif imsemmija fl-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali, volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' bieba tal-vettura tal-għamla Peugeot, bin-numru tar-reġistrazzjoni JBG 874, għad-dannu ta' l-istess Jean Paul Galea;

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija titratta ma l-imputat talli sar reċidiv b'diversi sentenżi mogħtija minn din l-istess Qorti diversament presjeduta, liema sentenżi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tieħu in konsiderazzjoni l-provvedimenti maħsuba fl-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-25 ta' frar, 2002 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
fl-artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ)(g), 263(a), 265, 267, 271, 279, 280, 281, 325(a), 289, 49, 50, 31, 17(h), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' marzu, 2002 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' ġunju, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ)(g), 263(a), 265, 267, 271, 279, 280, 281, 325(a), 289, 49, 50, 31, 17(h), 20, 22 u 23 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tlett snin taħt is-sorveljanza tal-Probation Officer imsemmi fl-Ordni relattiv li jifforma parti ntegrali ta' din is-sentenza. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għal applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.